# Ħal Balzan u s-siġar taċ-ċitru

Kitba ta' Dr Joseph Borg

President tas-Soċjetà Agrarja

Ħal Balzan, wieħed mit-tlett irħula msemmijin għall-ġonna mogħnija bis-siġar taċ-ċitru, għandu tifkira speċjali għax fi ġnien f'dan ir-raħal tfaċċat għall-ewwel darba l-larinġa tad-demm biż-żokra (*Egg Blood Orange*) lejn is-snin 1859 skont il-botanista u tabib Balzani l-Professur Ġanni Borg (1873-1945).[1]

Il-varjetà tal-larinġa Maltija tad-demm (*Malta Blood Orange*), skont il-pubblikazzjoni ta' Rossi, *The Natural History of Orange Trees*, mitbugħ fl-1747, hija varjetà qadima lokali tal-larinġ u għalhekk ma nistagħġbux meta naraw li minn dik il-varjetà, in-natura weħedha ħarġet il-varjetà l-oħra (li tissejjaħ *sport*) tal-larinġ tad-demm biż-żokra.

Dan il-fenonimu tan-natura, imsejjaħ '*sport*' għandu l-possibiltà li aktar jista' jiġri meta jkun hemm diversi varjetajiet tal-istess speċi ta' siġar jew pjanti fi kwantitajiet imdaqqsa qrib xulxin. Li fit-tlett irħula ta' Ħ'Attard, Ħal Balzan u Ħal Lija kien hemm bosta ġonna biċ-ċitru sa minn żmien l-Għarab hu dokumentat, inkluż ukoll fil-kuntratti ta' bejgħ ta' djar u proprjetajiet. Aktar tard fi żmien il-Kavallieri nafu wkoll li dawn ġabu aktar varjetajiet ta' larinġ speċjalment mill-Portugal.

Qabel mal-Kavallier Fra Antoine de Paule laħaq Gran Mastru, diġà kellu villa mżejna bi ġnien f'xifer Ħ'Attard. Meta fl-1623 laħaq Gran Mastru, kabbarha fil-Palazz ta' Sant'Anton.[2] Nafu wkoll li aktar tard, il-Gran Mastru de Rohan, fl-1776, xtara aktar artijiet minn Ħal Balzan biex għaqqadhom mal-ġnien tal-Palazz u ħawwilhom biċ-ċitru.[3]

Il-fama tat-tjubija tal-larinġ Malti ma kinitx magħrufa biss f'pajjiżna, iżda wkoll barra minn xtutna. Infatti, fis-seklu tmintax il-kavallieri kienu jesportaw diversi prodotti inkluż il-larinġ lejn diversi pajjiżi fl-Ewropa u lejn Tripli. F'sensiela ta' ittri mill-Abbè Louis Savoye lil zijuh f'Pariġi, tissemma l-esportazzjoni regolari ta' larinġ minn Malta lejn Pariġi. F'ittra ta' Savoye bid-data tat-12 ta' Lulju 1781, hu jikteb li l-larinġ ta' kwalità li kien esporta, kien ġej minn diversi ġonna, fosthom minn ġonna f'Ħal Balzan.[4] Terġa', f'rendikont tiegħu li jkopri l-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 1780 sat-30 ta' Mejju 1781, Savoye isemmi li ġabar 40 tużżana larinġ minn ġnien ta' Sinjura minn Ħal Balzan[5] barra minn ġonna ta' rħula oħrajn. Dawn jinkludu lil Birkirkara, Ħ'Attard, Ħal Lija, in-Naxxar, is-Siġġiewi, Santa Venera, San Ġiljan, kif ukoll mill-ġonna ta' Sant'Anton u mill-Buskett.

Din l-esportazzjoni tal-larinġ u lumi baqgħet għaddejja anke meta daħlu l-Ingliżi. Infatti f'rapport li għamel il-Kontrollur tad-Dwana F.V. Inglott fl-1875, lis-Soċjetà Agrarja, li dak iż-żmien kienet l-unika għaqda uffiċjali dwar l-agrikoltura, minħabba li d-Dipartiment tal-Biedja kien għadu ma twelidtx, Malta esportat 27,812 tużżana lumi, 71,9106 larinġ u 172 qantar qxur tal-larinġ fi xkejjer u btieti.[6]



*Dehra ġenerali ta' Ħal Balzan minn fuq il-kampnar tal-knisja*

F'Ħal Balzan, matul iż-żmien inbnew djar, vilel u palazzi li kollha ħasbu biex ikollhom ġardina bis-siġar taċ-ċitru magħhom. Ma nistagħġbux li dan seħħ għax wara kollox ir-raħal hu kenni bl-għoljiet madwaru, speċjalment min-naħa tat-Tramuntana u l-Majjistral mnejn jonfoħ l-aktar ir-riħ f'pajjiżna. Terġa' u tgħid Ħal Balzan, bħaż-żewġt irħula l-oħra ta' Ħal Lija u Ħ'Attard, kellhom l-opportunità li jieħdu l-ilma mill-akkwadott ta' Wignacourt li kellu fergħa għaddejja, f'kanali taħt l-art, min-naħa ta' Triq Durumblat fil-Mosta, lejn tal-Mirakli f'Ħal Lija, għall-ġnien tal-Kmand.[7] Minn ġibjuni kbar f'Tal-Kmand, l-ilma kien jissewwaq f'kanali taħt l-art, għall-ġibjun li hemm fil-*Kitchen Garden* tal-Palazz ta' Sant'Anton kif ukoll lejn toroq fil-partijiet il-qodma tat-tlett irħula biex jagħti ilma fix-xitwa għall-ħażna f'għadd ta' djar u ġonna privati. Din is-sistema baqgħet tintuża sas-snin bikrin tas-sittinijiet.[8] B'hekk il-ġonna kellhom kenn mill-irjieħ, raba' tajjeb u ilma għat-tisqija fis-sajf li dawn

kollha flimkien huma l-ingridjenti għas-suċċess taċ-ċitru.

Barra minn hekk, minħabba li fil-palazz ta' Sant'Anton kien hemm il-kap tal-pajjiż, dan ġibed lejh nies nobbli u setgħana li kien jaqblilhom, għal bosta raġunijiet, li jkunu viċin iċ-ċirku tal-amministrazzjoni tal-gżira. Dan jixhduh il-vilel u l-palazzi ta' livell għoli arkitettoniku li nbnew min-nies nobbli u għonja. Hawn dokumentazzjoni ta' għadd minn dawn il-binjiet storiċi fir-raħal li għadhom jeżistu fi żmienna.[9]

Fir-rapport annwali tad-Dipartiment tal-Agrikoltura għas-sena April 1937 u Marzu 1938 ġie ddikjarat li fiż-żewġt irħula ta' Ħal Balzan u Ħal Lija kien hemm 30 *acres* (jew 108.6 tomna) imħawlin bis-siġar taċ-ċitru. Meta wieħed jara, li skont dan ir-rapport, it-total ta' art imħawla bis-siġar taċ-ċitru f'Malta kollha (barra f'Għawdex) kien ta' 180 *acres*. Ir-rapport juri li fiż-żewġt irħula kien hawn l-aktar siġar taċ-ċitru wara s-Siġġiewi li kellu 40 *acre*s.[10] Jien għażilt dan ir-rapport li ħareġ fil-bidu tat-tieni gwerra dinjija, għax minn wara l-gwerra 'l hawn bdew jinfetħu għadd sew ta' toroq f'Ħal Balzan li żgur kellhom effett negattiv fuq ir-raba' u l-ġonna,[11]għax kif bdew jinfetħu t-toroq beda tiela' l-bini.



*Dehra ġenerali ta' Ħal Balzan mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali*

B'xorti ħażina llum m'għadx fadal daqshekk art iddedikata għas-siġar taċ-ċitru fir-raħal. Għalhekk hu ta' ħtieġa kbira li dak li fadal ngħożżuh u naħdmu biex ma jintilfux. Wara kollox il-motto ta' Ħal Balzan hu 'Mdawwar bil-ġonna minn kullimkien.'

**Referenzi:**


1 *Cultivation and Diseases of Fruit Trees in the Maltese Islands* – 1922 *Gov. print. office* – J. Borg, MA, MD.
2 *The Public Gardens and Groves of the Maltese Islands* - 200 Colour Image, Joseph Borg.
3 *Ibid*.
4 *Le Commerce des oranges entre Malte et la France au XV11 Siecle - 2003-Editions Bouchene*, – Alain Blondy.
5 *Ibid*.
6 Rendiconto della Espozione Agraria del 1875. Società Economica Agraria del Gruppo di Malta.
7 *Ibid*.
8 *Ibid*.
9 *Ibid*.
10 *Annual Report on the working of the Department of Agriculture during 1937-1938. Gov. Print. Office 1939*
11 *Ħal Balzan, Ġrajjietu sal-1999* - Kunsill Lokali Ħal Balzan 2004, Mons. Dun Ġwann Dimech.






# Ġenituri ħeġġu lil uliedkom

jagħmlu l-istudju neċessarju dwar il-mużika.

*Grazzi tal-koperazzjoni.*

Grazzi wkoll lil Mro Joseph Vella u l-Assistent Tony Carbonaro għat-tagħlim li jagħtu kull nhar ta' Ħamis u nhar ta' Ġimgħa.